MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Numru. 928/2002

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Miruzzi)
vs
Joseph Calvagna

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Calvagna, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 408059(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli fis-17 ta’ Settembru 2002 u fil-jiem ta’ qabel din id-data f’dawn il-gzejjer seraq senter tal-marka Fabarm b’numru ta’ serje 484991 li jiswa aktar minn mitt lira Maltin (LM100) pero’ anqas minn elf Lira Maltin (LM1,000) ghad-detriment ta’ Albert Cutajar liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa. Dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kap. 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati

b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex imexxihom. Dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta' arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Fabarm b'numru ta' serje 484991 jew munizzjon, xort' ohra milli b'licenza, u minnufih naqas jaghti avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli ordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejh il-Pulizija, jew that idejn il-prsuna li tkun tat dak l-avviz. Dan bi ksur tal-Artikolu 9(1) tal-Kap. 66 – Ordinanza dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2003 waqt li kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2003 jirtira l-ewwel imputazzjoni, dik ta' serq u ghalhekk taqta u tiddeciedi billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, issib lill-imputat hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 334 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 9 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat volontarjament irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu, l-fatt illi huwa ma ghandux xi fedina penali allarmanti, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fis-sens illi l-imputat kien ikkopera mieghu ferm matul l-investigazzjoni u ghalhekk il-Qorti ma tqisx piena karcerarja bhala idoneja ghall-akkadut.

Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga

intqal tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet, prigunerija ta' xahar illi ma ghandhiex tibda tapplika jekk matul il-perjodu ta' sena mil-lum l-imputat ma jikkommettix reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------